



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.5.2007
KUMM(2007) 241 finali

2007/0089 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jwaqqaf Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi

(preżentata mill-Kummissjoni)

[SEG(2007) 568]

[SEG(2007) 569]

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u għanijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi.

L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) ġew introdotti fis-Seba' Programm Kwadru¹ (FP7) bħala mod ġdid biex jiġu stabbiliti l-partenarjati bejn pubbliċi-privati fir-riċerka fil-livell Ewropew. Il-JTIs huma espressjoni ta' l-impenn qawwi ta' l-UE fil-koordinament ta' l-isforzi għar-riċerka, u b'hekk jikkontribwixxu għat-twettiq ta' Żona Ewropea ta' Riċerka u għall-għanijiet ta' kompetittività ta' l-Ewropa.

Il-JTIs ġejjin primarjament mix-xogħol tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej (ETPs). F'għadd żgħir ta' każijiet, l-ETPs kisbu ambitu u skala tant wisgħin li sejrjn ikunu jeħtieġu l-mobilizzazzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati għolja kif ukoll riżorsi ta' riċerka sostanzjali għall-implimentazzjoni ta' elementi importanti fl-Aġendi ta' Riċerka Strateġika tagħhom. Il-JTIs huma proposti bħala mezz effettiv biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' dan l-għadd żgħir ta' ETPs.

Fil-Programm Speċifiku ta' Kooperazzjoni² hemm sitt oqsma identifikati fejn JTI jista' jkollha relevanza partikolari: ċelloli ta' l-idroġenu u tal-fjuwil, aeronawtika u trasport bl-ajru, mediċini innovattivi, sistemi informatiċi inkorporati, nanoelettronika, u GMES (sorveljanza globali għall-ambjent u s-sigurtà).

Ma' dan l-isfond, l-Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (IMI JU) hija entità ġuridika li se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Mediċini Innovattivi (IMI JTI). Din l-inizjattiva għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-Ewropa fir-riċerka farmaċewtika. Dan se jjer jagħti haġja mill-ġdid lis-settur farmaċewtiku Ewropew, irendi lill-Ewropa iktar attraenti għall-investment tar-riċerka u, fit-tul jipprovdi liċ-ċittadini Ewropej b'aċċess iktar rapidu għal mediċini aħjar.

L-iżvilupp tad-drogi huwa proċess twil u għali ħafna. Darba l-Ewropa kienet minn ta' quddiem fir-riċerka farmaċewtika dinjija, iżda issa qed taqa' lura fl-investment tar-riċerka, kemm f'dak pubbliku kif ukoll f'dik privata. L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Mediċini Innovattivi għandha l-għan li ttejjeb din is-sitwazzjoni b'kollaborazzjoni unika fis-settur farmaċewtiku. Għall-ewwel darba, il-kumpaniji farmaċewtiċi sejrjn jikkollaboraw flimkien fuq riċerka biex itejbu l-proċess ta' l-iżvilupp tad-drogi. Il-parteċipazzjoni ta' l-akkademja u taċ-ċentri kliniċi, ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ta' l-organizzazzjonijiet għall-pazjenti u awtoritajiet pubbliċi (fosthom ir-regolaturi) se jkunu essenzjali u sejrjn iwasslu għar-riżultati iktar malajr. L-istrumenti tradizzjonali tar-riċerka kollaborattiva ta' l-

¹ ĠU L 412, 30.12.2006, p.1.

² ĠU L 400, tal-30.12.2006, p. 66-241

UE ma jistgħux jiksbu l-koordinament ta' l-isforzi tar-riċerka meħtieġa biex ilaħħqu mal-firxa u l-kumplessità ta' l-isfidi tar-riċerka involuti.

Il-kompetenzi u r-riżorsi mis-setturi privati u pubbliċi għandhom jagħmlu parti mill-partenarjat pubblika-privata li trid tiġi mwaqqfa bħala Impriża Konġunta mill-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-EFPIA (il-Federazzjoni Ewropea ta' l-Industriji u ta' l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi). L-IMI JU sejra titwaqqaf bħala entità Komunitarja permezz ta' Regolament tal-Kunsill skond l-Artikolu 171 tat-Trattat. Sejra jkollha baġit totali ta' EUR 2 biljun. Il-KE se tagħti EUR biljun mis-Seba Programm Kwadru tagħha. L-EFPIA u l-kumpaniji bbażati fuq ir-riċerka, membri sħaħ ta' l-EFPIA se jrin jikkontribwixxu l-biljun Euro l-oħra.

Wara s-sejħiet miftuħa għall-proposti, l-IMI JU sejra tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka li saru fl-Istati Membri u fil-pajjiżi marbuta ma' l-FP7. Il-kontribut Komunitarju se jjer jintuża estensivament biex jappoġġa l-qasam akkademiku u ċ-ċentri kliniċi, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u l-awtoritajiet pubbliċi (fosthom ir-regolaturi). Il-kumpaniji membri ta' l-EFPIA għandhom iħallsu l-ispejjeż tas-sehem tagħhom fil-kollaborazzjoni tar-riċerka b'valur li jkun ugwali għall-kontribut Komunitarju.

Il-Kuntest Ġenerali

L-industrija farmaċewtika hija importanti għall-ekonomija msejsa fuq l-għarfien. Bħala settur intensiv fir-riċerka, dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-innovazzjoni Ewropea fir-rigward tal-klima u ta' l-ekonomija. Billi qed tinvesti madwar 15% mill-valur tal-bejgħ tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp, hija tipprovdi l-Ewropa b'impjiegi li jirrikjedu ħiliet ta' livell għoli (612,000 impjegati fl-2004, li 103,000 minn dawn kienu fil-qasam tar-riċerka)

L-impatt tas-settur farmaċewtiku għall-ekonomija ħafna drabi huwa diskuss biss f'termini ta' spejjeż għas-sistema tas-saħħa pubblika. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-mediċini innovattivi jipproduċu benefiċċji ekonomiċi konsiderevoli fosthom:

- iktar valur ta' produzzjoni ekonomiku totali (eż. jiġu evitati d-diżabilitajiet temporanji, jew jitnaqqas it-tul tagħhom),
- impjiegi rinfurzati, permezz tar-riċerka, il-produzzjoni, u d-distribuzzjoni tal-mediċini innovattivi,
- valur miżjud ġej minn ħaddiema imħarrġa sew,
- inqas piż fuq is-saħħa pubblika (eż. jitnaqqas iż-żmien tal-pazjenti fl-isptar), u dwar is-sistemi tal-pensjoni (eż. titnaqqas l-eliġibilità għall-pensjoni minn kmieni),
- kwalità ta' hajar aħjar (eż. inqas morbidità u mortalità).

L-IMI tindirizza l-kwistjoni ta' tnaqqis fir-riċerka farmaċewtika billi tiffoka fuq l-isfidi ewlenin biex:

- ittejjeb il-previżjoni tas-sigurtà u l-effikaċja tal-kandidati ġodda tad-drogi fil-fażijiet ta' żvilupp bikrin, qabel ma jibdwew il-provi kliniċi li jiswew ħafna flus;
- tiġi evitata d-duplikazzjoni inutili attwali ta' l-isforzi tar-riċerka, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, permezz ta' sistemi ta' ġestjoni ta' l-għarfien żviluppati b'mod konġunt;
- tpatti għan-nuqqasijiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiżguraw li fl-Ewropa jkun hemm ħaddiema b'iktar ħiliet.

Barra minn hekk, l-IMI sejra sservi bħala punt ċentrali biex jiġu żviluppati s-sinerġiji bejn ir-riċerka u l-kollaborazzjoni ma' l-attivitajiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u sejra tikkontribwixxi għat-twaqqif taż-Żona Ewropea ta' Riċerka f'dan is-settur.

Sabiex jintlaħħqu dawn l-isfidi se jinħtieġ ċaqliq fil-mudell fix-xejriet kollaborattivi. Tradizzjonalment, il-kumpaniji farmaċewtiċi jaħdmu fuq bażi wieħed wieħed ma' l-iżhab bħal universitajiet u l-SMEs biex jiżviluppaw drogi ġodda. L-isfidi attwali jitolbu riċerka u żvilupp fuq għodod u metodoloġiji li jistgħu jintużaw biss mill-kumpaniji kollha attivi fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-drogi. Ilum l-investment ta' l-industrija f'riċerka bħal din hija baxxa ħafna, u l-kollaborazzjoni bejn dawn il-kumpaniji kompetittivi ħafna hija ħaġa rari. Barra minn hekk, l-industrija m'għandhiex il-kompetenzi kollha neċessarji biex tiżvolġi din ir-riċerka kumplessa waħedha. Għaldaqstant hemm bżonn ta' strateġija ġdida fil-livell Ewropew, bil-qasam akkademiku u ċ-ċentri kliniċi, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-awtoritajiet pubbliċi (inklużi r-regolaturi) li jaħdmu flimkien ma' l-industrija.

L-EFPIA, organizzazzjoni li ma taħdimx għall-profitt li tirrapreżenta l-industrija farmaċewtika bbażata fuq ir-riċerka fl-Ewropa, mexxiet it-twaqqif ta' l-ETP fuq il-Mediċini Innovattivi. Wara konsultazzjoni ma' spektrum wiesa' ta' partijiet interessati, l-ETPs għall-Mediċini Innovattivi żviluppat Aġenda ta' Riċerka Strateġika (SRA) li tiddettalja l-isfidi diskussi hawn fuq u modi ta' kif għandhom jiġu ttrattati. Il-Kummissjoni Ewropea gābret flimkien rappreżentanti mill-Istati Membri u mill-Pajjiżi assoċjati ma' l-FP6. Dan il-grupp iltaqa' regolarment u appoġġa b'mod attiv l-ETP billi pprova kummenti, ideat u esperjenzi kostruttivi bbażati fuq attivitajiet nazzjonali f'dan il-qasam.

Il-JTI hija l-aħjar mezz biex jiġu kkoordinati l-isforzi meta jitqiesu l-iskala u l-komplessità ta' l-isfidi ta' riċerka. Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet l-implimentazzjoni ta' l-SRA fuq il-Mediċini Innovattivi bħala JTI fil-proposta tagħha għall-FP7 li ġiet ikkonfermata permezz ta' kodeċiżjoni mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

L-istruttura ta' governanza proposta għall-IMI JTI, li ġiet żviluppata permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-EFPIA b'mod ċar tirrifletti n-natura pubblika-privata ta' din l-inizjattiva. Fir-rwol tagħhom bħala fundaturi, il-Kummissjoni u l-EFPIA se jaqsmu b'mod ekwu r-responsabbiltajiet u l-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' l-IMI JTI. Se titmexxa mill-IMI JU (il-Bord, l-Uffiċċju Eżekuttiv u l-Kumitat Xjentifiku) flimkien ma' żewġ gruppi oħra (il-Grupp ta' l-Istati Membri u l-Forum tal-Partijiet Interessati).

L-IMI JU se tmexxi l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet ta' riċerka ddettaljati fl-Aġenda ta' Riċerka. L-Uffiċċju Eżekuttiv, flimkien mal-persunal indipendenti, ser ikun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum, inkluż il-proċess tas-sejħa u l-evalwazzjoni, il-ftehimiet fuq l-għoti, eċċ. Il-Bord, magħmul mill-membri fundaturi, se jkollu r-responsabbiltà kumplessiva għall-operazzjoni ta' l-IMI JU, u jiddeċiedi l-implimentazzjoni annwali ta' l-attivitajiet ta' riċerka wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku. Se jkun responsabbli wkoll għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-IMI u l-attivitajiet ta' l-Istati Membri (via l-Grupp ta' l-Istati Membri). Se jkun hemm Forum tal-Partijiet Interessati biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-attivitajiet ta' riċerka li għaddejjin attwalment jew previsti fil-ġejjieni.

L-attivitajiet ta' riċerka se jitmexxew permezz ta' proġetti kollaborattivi bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati magħżula minn sejħiet miftuħa għall-proposti u ta' proċess ta' revizzjoni minn esperti ugwali fil-qasam. Entità legali kwalunkwe tista' tipparteċipa f'proġetti bħal dawn sakemm issir ir-riċerka fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi marbuta mas-Seba' Programm Kwadru.

L-attivitajiet ta' riċerka se jrin jiġu ffinanzjati permezz ta' kontributi: b'riżorsi 'in natura' (il-persunal, it-tagħmir, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, eċċ) mill-kumpaniji membri ta' l-EFPIA u bl-appoġġ finanzjarju għall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika eċċ mill-Kontribut tal-KE għall-IMI JU. L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha li jaħdmu għall-profitt li ma jitqisux bħala SMEs huma mistennija li jġarrbu l-ispejjeż ta' attivitajiet ta' riċerka u ma jirċevu l-ebda appoġġ finanzjarju mill-IMI JU.

Ftehimiet dwar l-għoti se jmexxu r-relazzjoni bejn il-konsorzji magħżula u l-IMI JU. Ftehimiet bħal dawn se jrid jiddeskrivu l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet ta' riċerka, l-arranġamenti finanzjarji xierqa u r-regoli marbuta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq il-bażi tal-prinċipji kif stabbiliti fl-Istatuti ta' l-IMI JU.

Il-politika tal-proprjetà intellettuali għall-IMI JU hija mfassla biex tkun ta' benefiċċju għall-partiċipanti differenti: il-kumpaniji farmaċewtiċi jridu aċċess għal metodi u riżultati ġodda; l-SMEs jixtiequ jkollhom t-tekniki ġodda ttestjati mill-utenti (jiġifieri kumpaniji farmaċewtiċi); l-universitajiet iridu r-riżultati tar-riċerka tagħhom ivvalidati u rikonoxxuti; l-ispeċjalisti kliniċi jridu aċċess rapidu għar-riżultati u *d-data*; il-pazjenti jridu mediċini iktar effiċjenti b'inqas effetti sekondarji, eċċ. Il-partenarjat kollaborattiva ġdida ta' l-IMI JU sejra ttiprovdi qafas legali u operattiv għal sitwazzjoni fejn jista' jgawdi kulħadd. Għandha tiżgura l-aħjar użu tar-riżultati ta' riċerka u *d-data*, u d-dħul rapidu fil-prassi industrijali, klinika u regolatorja.

Billi r-riċerka terġa' tingħata l-ħajja fis-settur farmaċewtiku, l-Ewropa għandha ttiprovdi ambjent attraenti u dinamiku għall-investment privat.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Illum, l-ebda dispożizzjonijiet m'għandhom jeżistu fil-livell Ewropew f'dan il-qasam.

Madankollu, il-Proġett Integrat InnoMed iffinanzjat mill-FP6 (li jinvolvi 43 sħab li jinkludu 18-il kumpanija farmaċewtiċi kbar) iservi bħala evidenza ta' kemm l-

industrija tixtieq li jkun hemm kooperazzjoni bejn il-kumpaniji u ma' partijiet interessati oħra.

Il-koerenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni

Ir-Regolament propost huwa konsistenti mal-politiki Komunitarji fir-riċerka. Hija konsistenti wkoll ma' l-istrateġija mgħedda ta' Liżbona³ u l-għanijiet ta' l-UE biex tinvesti 3% tal-PGD tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp sa l-2010, b'żewġ terzi ġejjin mis-settur privat, kif deċiż mill-Kunsill Ewropew f'Barċellona fl-2002. Il-proposta hija konsistenti wkoll ma' l-għanijiet tal-proċess G10⁴. Preċedenti dwar is-saħħa pubblika u l-politiki tal-Farmaċewtiċi ta' l-UE, il-proċess ta' riflessjoni li għaddej bħalissa dwar il-politika tal-Forum Farmaċewtiku ta' l-UE, u mar-rapport reċenti ta' l-Aho "Il-Ħolqien ta' Ewropa Innovattiva"⁵

L-inizjattiva proposta hija parti minn strateġija Komunitarja ambizzjuża u wiesgħa immirata biex titratta d-distakk fl-innovazzjoni li tinkludi, inter alia, il-proposta biex jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija.

2. KONSULTAZZJONI U STIMA TA' L-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-użu ta' l-għarfien espert

Il-partijiet interessati (l-industrija farmaċewtika, iċ-ċentri kliniċi u tal-qasam akkademiku l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-awtoritajiet pubbliċi (inklużi r-regolaturi)) ġew ikkonsultati b'mod wiesa'. Il-forum ewlieni għal diskussjoni mar-rappreżentattivi ta' l-Istati Membri kien il-Grupp ta' Kuntatt ta' l-Istati Membri ta' l-IMI. L-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (EMA) tat il-kontribut tagħha permezz ta' konsultazzjonijiet tal-kumitati xjentifiċi tagħhom. Barra minn hekk, wasslu xi kummenti wara l-pubblikazzjoni ta' l-abbozz ta' l-SRA fuq l-internet u f'preżentazzjonijiet fil-livell Ewropew u Internazzjonali.

Il-valutazzjoni ta' l-impatt

Ir-Regolament propost kien suġġett għal Valutazzjoni ta' l-Impatt tal-Kummissjoni, meħmuża mal-proposta.

3. IL-QAFAS ĠURIDIKU TAL-PROPOSTA

Sinteżi ta' l-azzjoni proposta

Il-proposta attwali tikkonċerna t-twaqqif ta' Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (IMI JU) skond l-Artikolu 171 tat-Trattat għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva tat-Teknoloġija Konġunta dwar Mediċini Innovattivi (IMI JTI).

³ COM (2005) 24

⁴ COM (2003) 383

⁵ Aho, Jozef Cornu, Luke Georghiou u Antoni Subriá: "Creating an Innovative Europe", Jan. 2006

L-IMI JU għandha titqies bħala entità Komunitarja u tiġi stabbilita għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. Sejra jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju.

Se tkun imwaqqfa mill-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-KE, u l-Federazzjoni Ewropea ta' l-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA). L-attivitajiet ta' l-IMI JU se jiġu ffinanzjati b'mod konġunt mill-fundaturi tagħha. Il-Komunità Ewropea u l-EFPIA se jikkontribwixxu f'ammonti ugwali għall-ispejjeż operattivi ta' l-IMI JU. L-attivitajiet ta' riċerka se jiġu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' kontributi mill-kumpaniji membri ta' l-EFPIA li għandhom ir-riżorsi (persunal, tagħmir u oġġetti li jiġu kkunsmati eċċ) u kontribut ugwali ma' tal-Komunità Ewropea.

L-IMI JU se jkun miftuħ għal membri ġodda, sakemm jikkontribwixxu permezz ta' fondi biex jilħqu l-għanijiet tagħha.

Il-Kummissjoni Ewropea se tkun irrappreżentata fuq il-Bord. Kwalunkwe deċiżjoni li jieħu l-Bord għandha tirrikjedi l-vot pożittiv tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 171 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Il-proposta ma tikkonċernax qasam li ma jaqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità, u minħabba dan japplika l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-għan tal-politika abbażi ta' din il-proposta jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni Komunitarja u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

- (1) In-natura transnazzjonali ta' l-isfida kbira ta' riċerka tidher li hemm fil-kamp tar-riċerka, li jirrikjedi li jinġabru flimkien ir-riżorsi ta' l-għarfien komplementari u r-riżorsi finanzjarji lil hinn mis-setturi u mill-fruntieri. Din il-problema ma tistax tissolva minn l-ebda Stat Membru, imprima jew parti interessata waħdu jew waħeda.
- (2) L-isforz ta' koordinazzjoni u r-riżorsi meħtieġa tant huma ta' skala kbira li jistgħu jiġu implimentati b'mod kredibbli fuq livell Ewropew biss.
- (3) Bil-għan li inizjattivi simili u kompetittivi jitniedu f'ekonomiji oħra ewlenin (eż *il-Critical Path Initiative* fl-Istati Uniti), azzjoni ta' skala kbira implimentata fil-livell Ewropew biss tista' tkun attraenti biżżejjed għall-industrija farmaċewtika li taġixxi globalment.

Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

Għażla ta' l-istrument

Ir-Regolament propost għandu jagħti spinta lill-investiment pubbliku u privat fir-riċerka bil-għan li tittejjeb il-kompetittività tas-settur farmaċewtiku Ewropew. L-

għażla ta' l-Impriża Konġunta toffri effett potenzjali ta' amplifikazzjoni tal-fondi Komunitarji bir-riżorsi privati li ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' l-istrumenti tradizzjonali tal-Programm Kwadru, jiġifieri kull EUR 1 tal-fondi Komunitarji għandhom jiġġeneraw investimenti ta' riċerka li jiswew mill-anqas EUR 2.

Iżjed investimenti ta' riċerka għandhom jistimolaw iktar investimenti f'setturi industrijali oħra. Barra minn hekk, se jkunu disponibbli iktar fondi pubbliċi għall-partijiet interessati li ma jaħdmux għall-profitt għal attivitajiet ta' riċerka, u linvestment totali ta' riċerka huwa mistenni li jkun ogħla mill-iskema ta' riċerka kollaborattiva tradizzjonali ta' l-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

Il-baġit totali ta' l-IMI JU se jkun ta' EUR 2 biljuni.

Il-kontribut massimu mill-Komunità Ewropea se tkun ta' EUR 1 biljun li jitħallas mill-appropriazzjoni tal-baġit allokat mat-Tema 'Saħħa' tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplementa l-FP7.

L-ispejjeż operattivi ta' l-IMI JU se jiġu ffinanzjati f'partijiet ugwali mill-EFPIA u l-Komunità Ewropea. L-ispejjeż operattivi mhux se jaqbuż l-4% tal-baġit totali għall-perjodu li jintemm fil-31.12.2017.

L-Attivitajiet ta' Riċerka se jiġu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' kontribut finanzjarju tal-Komunità Ewropea, u kontributi minn kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-EFPIA, b'riżorsi in natura (bħal persunal, tagħmir, oġġetti lijiġu kkunsmati, eċċ) li għallinqas ikunu ugwali għall-kontribut finanzjarju tal-Komunità Ewropea.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Perjodu tranżitorju

Sabiex jitħaffef it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, il-Membri Fundaturi, il-KE u l-EFPIA, għandhom jieħdu l-azzjonijiet ta' tħejjija kollha meħtieġa sakemm l-entitajiet responsabbli għall-operazzjonijiet tagħha jkunu twaqqfu.

Reviżjoni

Il-KE sejra tippreżenta rapport annwali dwar il-progress li tkun kisbet l-IMI JU.

Ir-rilaxx ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IMI JU għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li jqis madankollu l-ispeċifitajiet li jirriżultaw min-natura tal-JTIs bħala partenarjati pubbliċi-privati u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jwaqqaf Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 171 u 172 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni⁶,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁷,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)⁹ minn hawn il-quddiem imsejjaħ is-Seba' Programm Kwadru, tipprevedi kontribut Komunitarju għat-twaqqif ta' partenarjati pubbliċi-privati fit-tul fil-forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jridu jiġu implimentati permezz ta' Impriżi Konġunti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat. L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti huma r-riżultat tal-ħidma tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej, li huma mwaqqfa diġà skond is-Sitt Programm Kwadru, u jkopru ċerti aspetti ta' riċerka fil-qasam tagħhom. Dawn għandhom jiġbru l-investment fis-settur privat flimkien ma' l-finanzjament pubbliku Ewropew, inkluż il-finanzjament mis-Seba' Programm Kwadru;
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 971/2006/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013)¹⁰ (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "Il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni"),

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' (...)

⁸ Opinjoni mogħtija nhar il- (...)

⁹ ĠU L 412, 30.12.2006, p.1.

¹⁰ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86. Korriġendum fil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30.

jenfasizza l-ħtieġa għal partenarjati ambizzjużi madwar l-Ewropa kolha bejn entitajiet pubbliċi u privati biex jgħaġġu l-iżvilupp tat-teknoloġiji kbar, azzjonijiet kbar ta' riċerka fil-livell Komunitarju li jinkludi, b'mod partikolari, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti;

- (3) L-Aġenda ta' Liżbona dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi tenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni fl-Ewropa biex ikatru l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi fil-Komunità,
- (4) Fil-konklużjonijiet ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003, tat-22 ta' Settembru 2003 u ta' l-24 ta' Settembru 2004, il-Kunsill tal-Kompetittività enfasizza l-importanza ta' iktar żvilupp ta' l-azzjonijiet wara l-Pjanijiet ta' Azzjoni tat-3%,¹¹ fosthom l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda bil-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-industrija u s-settur pubbliku fil-finanzjament tar-riċerka biex jitjiebu r-rabtiet pubbliċi-privati transnazzjonali.
- (5) Il-Kunsill tal-Kompetittività, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-4 ta' Diċembru 2006 u tad-19 ta' Frar 2007, u l-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Marzu 2007 stiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għat-twaqqif ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti għal inizjattivi bħal dawn li laħħqu l-istadju xieraq ta' tħejjija,
- (6) Il-"Federazzjoni Ewropea ta' l-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi" (minn hawn 'l quddiem imsejħa l-"EFPIA") mexxiet it-twaqqif tal-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar "Mediċini Innovattivi" taħt is-Sitt Programm Kwadru. Dawn żviluppaw Aġenda ta' Riċerka Strateġika, ibbażata fuq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati pubbliċi u privati. L-Aġenda ta' Riċerka Strateġika ddeskriviet l-ostakoli fir-riċerka fil-proċess ta' żvilupp tad-drogi u rakkomandat d-direzzjoni xjentifika għal Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fuq "Mediċini Innovattivi",
- (7) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" tirrispondi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Lulju 2003 "Industrija Farmaċewtika bbażata fl-Ewropa iktar b'saħħitha għall-Benefiċċju tal-Pazjent – Sejħa għal Azzjoni"¹² [Traduzzjoni mhux ufficijali] u b'mod partikolari għar-rakkomandazzjoni dwar aċċess għal mediċini innovattivi biex ikun żgurat l-iżvilupp ta' industrija kompetittiva bbażata fuq l-innovazzjoni. Din il-Komunikazzjoni kienet tweġiba għar-Rapport tal-Grupp ta' Livell Ogħli dwar l-innovazzjoni u l-provvista tal-mediċini - Mediċini G10 "Stimolu għall-Innovazzjoni u Titjib tal-Bażi Xjentifika ta' l-UE" adottata fis-7 ta' Mejju 2002. Din l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta twieġeb ukoll lill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2002 dwar "Ix-Xjenzi tal-Ħajja u l-Bijoteknoloġija – strateġija għall-Ewropa (2002)"¹³,
- (8) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" twieġeb ukoll għall-ħtieġa ta' azzjoni kif identifikata fir-rapport "Il-Ħolqien ta' Ewropa Innovattiva" ta' Jannar 2006. Dan ir-rapport jidentifika l-Farmaċewtiċi bħala qasam strateġiku ewlieni u jenfasizza l-ħtieġa għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" fil-livell Ewropew.

¹¹ COM(2003) 226 finali

¹² COM (2003) 383

¹³ COM (2002) 27

- (9) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-"Mediċini Innovattivi" għandha tkun sħubija pubblika-privata bil-għan li żżid l-investimenti fis-settur tal-bijofarmaċewtika fl-Ewropa, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Għandha ttipprova benefiċċji soċjo-ekonomiċi għaċ-ċittadini Ewropej, iżżid il-kompetittività ta' l-Ewropa u tgħin biex tistabbilixxi l-Ewropa bħala l-iktar post attraenti għar-riċerka u l-iżvilupp tal-bijofarmaċewtiċi.
- (10) L-għan ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-"Mediċini Innovattivi" għandu jkun it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha bħall-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi (inklużi r-regolaturi), l-organizzazzjonijiet ta' pazjenti, il-qasam akkademiku u ċ-ċentri kliniċi. L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-"Mediċini Innovattivi" għandha tiddefinixxi aġenda ta' riċerka li dwarha jaqbel kulħadd (minn hawn il quddiem imsejħa "L-Aġenda tar-Riċerka") li ssegwi mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika żviluppata mill-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar "Mediċini Innovattivi".
- (11) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" għandha ttipponi strateġija koordinata biex jingħelbu l-ostakoli fir-riċerka identifikatifi-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga, u biex tappoġġa 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi', sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' mediċini sikuri u iktar effettivi għal pazjenti. F'dan il-kuntest 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi' għandha tinftiehem bħala riċerka dwar l-għodod u l-metodoloġiji li jintużaw fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga.
- (12) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" għandha twassal strateġiji, metodi u teknoloġiji ġodda, ittejjeb l-ġestjoni ta' l-għarfien tar-riżultati fir-riċerka u tad-*data* u ttejjeb it-taħriġ tal-professjonisti. Għal dan il-għan huwa meħtieġ li titwaqqaf Impriża Konġunta bħala entità ġuridika għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-"Mediċini Innovattivi". L-Impriża Konġunta minn hawn 'l quddiem se tissejjaħ "l-Impriża Konġunta ta' l-IMI".
- (13) L-għan ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jinkiseb permezz ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka billi jinġabru r-riżorsi minn setturi pubbliċi u privati. Għal fini ta' dan, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun kapaċi torganizza sejħiet kompetittivi għal proposti biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka. Attivitajiet ta' riċerka bħal dawn għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali applikabbli fis-Seba' Programm Kwadru.
- (14) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017 biex tiżgura t-tmexxija xierqa ta' l-attivitajiet ta' riċerka li tnedu iżda li ma ġewx konklużi matul is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013).
- (15) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI, li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta tal-"Mediċini Innovattivi", u tagħti impenji skond il-ftehimiet internazzjonali, għandha titqies bħala entità internazzjonali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-

setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali¹⁴, u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi¹⁵.

- (16) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun entità mwaqqfa mill-Komunitajiet li tirċievi l-awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha mingħand il-Parlament Ewropew¹⁶, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li tqis l-ispeċifitajiet ġejjin min-natura tal-JTIs bħala partenarjati pubbliċi-privati u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat lill-baġit
- (17) Il-Membri Fundaturi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikunu l-Komunità Ewropea u l-EFPIA.
- (18) L-EFPIA hija organizzazzjoni li ma taħdimx għall-profitt li tirrappreżenta l-industrija farmaċewtika bbażata fuq ir-riċerka fl-Ewropa. L-għan ta' l-EFPIA hija li tiżgura u tippromwovi l-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku ta' l-industrija farmaċewtika fl-Ewropa. L-EFPIA hija miftuħa għal sħubija sħiħa għal assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka, kif ukoll b'mod dirett għal kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka. Hija tapplika prinċipji ġenerali ta' ftuħ u trasparenza għal sħubija li tiżgura involviment industrijali wiesa'.
- (19) L-EFPIA nħolqot fl-1978 minn merġer bejn żewġ organizzazzjonijiet Ewropej - GIIP (maħluqa inizzjalment taħt il-liġi Franċiża fl-1966) li tirrappreżenta 9 pajjiżi Ewropej u l-PIA (li nħolqot taħt il-liġi Żvizzera fl-1967) li tirrappreżenta l-assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' l-EFTA. L-EFPIA twaqqfet taħt il-liġi Żvizzera bl-uffiċċju permanenti fi Brussell, il-Belġju.
- (20) L-Iżvizzera hija prevista li ssir pajjiż assoċjat fis-Seba' Programm Kwadru permezz tal-firma ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Komunità.
- (21) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun miftuħa għal membri ġodda.
- (22) Ir-regoli għall-organizzazzjoni u l-operazzjoni ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiġi stabbilita fl-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
- (23) L-EFPIA u l-kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-EFPIA iffirmaw ittra ta' impenn dwar l-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
- (24) L-attivitajiet ta' riċerka għandhom jiġu koperti b'finanzjament Komunitarju u mill-anqas fuq livell ugwali minn riżorsi mill-kumpaniji farmaċewtiċi ta' riċerka li huma membri sħaħ ta' l-EFPIA.

¹⁴ ĠU L 134, 30.4.2004, p.1. Direttiva kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 2006/97/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p.107)

¹⁵ ĠU L 134, 30.4.2004, p.1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/97/KE

¹⁶ L-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 357, 21.12.2002 p.72. Korriġendum fil-ĠU L 2, 7.12.2003, p. 39.

- (25) L-ispejjeż ta' l-operazzjoni ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun koperta b'ammonti ugwali mill-EFPIA u mill-Komunità.
- (26) Il-kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-attivitajiet ta' l-EFPIA mhumiex se jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ sħiħ mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
- (27) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jkollha, suġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, Regolament Finanzjarju distint ibbażat fuq il-prinċipji tar-regolament finanzjarju kwadru ¹⁷li jqis il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi li ġejjin, b'mod partikolari mill-ħtieġa li jingħaqad il-finanzjament Komunitarju ma' dak privat biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp b'mod effiċjenti u f'waqtu.
- (28) Biex tiġi sodisfatta l-eżiġenza biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ta' impjieg stabbli u trattament ugwali tal-persunal, u sabiex jiġi attirat persunal xjentifiku u tekniku ta' l-ogħla kalibru, tinħtieġ l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ("ir-Regolament tal-Persunal") għall-persunal kollu inkarigat mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
- (29) Minħabba li l-Impriża Konġunta ta' l-IMI mhijiex mfassla biex tissodisfa għan ekonomiku u hija responsabbli biex tmexxi l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Il-Mediċini Innovattivi", għall-eżekuzzjoni tal-ħidmiet tagħha, huwa meħtieġ li l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 għandhom japplikaw għall-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-persunal tagħha.
- (30) Bħala entità dotata b'personalità ġuridika, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun responsabbli għall-azzjonijiet tagħha. Fir-rigward tar-risoluzzjoni tat-tilwim f'kwistjonijiet kuntrattwali, għandu jkun possibbli li l-kuntratti konklużi mill-Impriża Konġunta jipprevedu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha ġuriżdizzjoni.
- (31) Jinħtieġ li jiġu adottati miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' l-irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati fondi li jkunu ntilfu, tħallsu ħażin jew intużaw b'mod mhux korrett skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea¹⁸, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra¹⁹, u r-Regolament (KE) Nru1073/1999 Regolament tal-

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/357 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej; ĠU L 357,31.12.2002 p.72; korriġendum fil-ĠU L 2, 7.12003, p. 39

¹⁸ ĠU L 312.230.120.1995, p 1

¹⁹ ĠU L 295,15.11.1996, p 2

Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)²⁰.

- (32) Sabiex jitħaffef it-twaqqif ta' l-IMI JU, il-membri fundaturi, għandhom jieħdu l-azzjonijiet ta' tħejjija kollha meħtieġa sakemm l-entitajiet responsabbli għall-operazzjoni tagħha jkunu twaqqfu,
- (33) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju. Ftehim dwar is-sede għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandha tipprovdli l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
- (34) Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri l-ħolqien ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, ma tistax tinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transnazzjonali ta' l-isfida kbira ta' riċerka li jidher li hemm fil-kamp tar-riċerka, li tirrikjedi l-għabra ta' riżorsi ta' finanzi u ta' għarfien komplementari lil hinn mis-setturi u mill-fruntieri u tista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni tinkiseb aħjar fil-livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan il-għan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1 ***It-twaqqif ta' Impriża Konġunta***

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi, b'dan titwaqqaf Impriża Konġunta għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017 (minn hawn 'l quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta ta' l-IMI"). Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kunsill.
2. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju

Artikolu 2 ***Stat ġuridiku***

3. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jkollha personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, għandha tgawdi l-aktar kapaċità legali estensiva, mogħtija lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet ta' dawk l-Istati. Tista', b'mod partikolari takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u tipparteċipa f'proċeduri legali.
4. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha titqies bħala entità internazzjonali fi ħdan it-tifsira tal-punt c ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/17/KE u tal-punt c ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/18/KE.

²⁰ ĠU L 136,31.05.1999, p 1

Artikolu 3 ***Għanijiet***

L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru u t-Tema 'Saħħa' tal-Programm Speċifiku 'Koooperazzjoni' li jimplementa is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, u , b'mod partikolari għal:

- (a) appoġġ tar-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi' fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru permezz ta' strateġija kkoordinata sabiex jingħelbu l-ostakoli fir-riċerka identifikati fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga;
- (b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riċerka kif stabbiliti bl-Aġenda tar-riċerka ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" (minn hawn il-quddiem imsejħa "Attivitajiet ta' Riċerka"), l-iktar permezz ta' għotjiet b'segwitu għas-sejħiet kompetittivi għal proposti;
- (c) biex tiġi kostitwita sħubija pubblika-privata bil-għan li żżid l-investimenti fis-settur bijofarmaċewtiku fl-Ewropa, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru billi jinġabru r-riżorsi u titrawwem l-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;
- (d) biex jiġu konklużi kuntratti ta' servizz u provvista meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- (e) biex tiġi żgurata l-effiċjenza u d-durabilità ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi".

Artikolu 4 ***Il-Membri***

1. Il-membri fundaturi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, minn hawn il-quddiem imsejħa l-"Membri Fundaturi", huma;
 - (a) il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni,
 - (b) l-"Federazzjoni Ewropea ta' l-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi" (minn hawn 'l quddiem imsejħa l-"EFPIA")
2. Sakemm dawn jikkontribwixxu għall-finanzjament biex jintlaħħqu l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI kif previst fl-Artikolu 3, dawn li ġejjin jistgħu japplikaw biex isiru membri ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI:
 - (a) L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru;
 - (b) Kwalunkwe entità ġuridika li tagħti appoġġ dirett jew indirett lir-riċerka u l-iżvilupp fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru.
3. Il-Membri Fundaturi u l-membri ġodda kif imsejħa fil-paragrafi 1 u 2 huma minn hawn il-quddiem msejħa il-"Membri".

Artikolu 5
L-Istatuti

L-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 6
Sorsi ta' finanzjament

1. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-attivitajiet tagħha għandhom ikunu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' kontributi mill-Membri tagħha.
2. Il-Membri ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikopru l-ispejjeż għall-operazzjoni tagħha. Il-Komunità u l-EFPIA għandhom jikkontribwju b'mod ugwali għal spejjeż operattivi bħal dawn.
3. L-ispejjeż operattivi, minn hawn il-quddiem imsejħa Attivitajiet ta' Riċerka, għandhom jiġu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' kontribut finanzjarju Komunitarju u ta' kontributi volontarji mill-kumpaniji farmaċewtiċi ta' riċerka li huma membri sħaħ ta' l-EFPIA permezz ta' riżorsi li għallinqas huma ugwali għall-kontribut Komunitarju.
4. Il-Kontribut Komunitarju massimu lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI biex ikopri spejjeż operattivi u Attivitajiet ta' Riċerka għandu jkun ta' biljun Euro mħallsa mill-appropriazzjoni tal-baġit allokat għat-Tema 'Saħħa' **tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) skond id-dispozzjonijiet ta' l-Artikolu 54(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.**
5. L-arranġamenti għall-kontribut finanzjarju Komunitarju għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali u ftehimiet annwali finanzjarji li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 7
Eliġibbiltà għal finanzjament

Il-Kontribut Komunitarju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI biex ikopri l-ispejjeż għall-Attivitajiet ta' Riċerka għandu jingħata b'segwitu għal sejħiet kompetittivi għal proposti. L-entitajiet ġuridiċi li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament bħal dan:

- (a) mikro, żgħar u ta' daqs medju fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE²¹;

²¹ ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36

- (b) entitajiet ġuridiċi stabbiliti bħala entitajiet pubbliċi li ma jaħdmux għall-profit skond il-liġi nazzjonali;
- (c) organizzazzjonijiet intergovernattivi, li għandhom personalità ġuridika skond il-liġi pubblika internazzjonali, kif ukoll kwalunkwe aġenziji speċjalizzati mwaqqfa minn organizzazzjonijiet intergovernattivi bħal dawn;
- (d) entitajiet ġuridiċi stabbiliti skond il-liġi Komunitarja;
- (e) entitajiet ġuridiċi stabbiliti bħala organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-profit li jwettqu r-riċerka jew l-iżvilupp teknoloġiku bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħhom;
- (f) stabbilimenti ta' edukazzjoni sekondarja u superjuri;
- (g) organizzazzjonijiet ta' pazjenti li ma jaħdmux għal profit li jikkwalifikaw.

Artikolu 8 **Regolament finanzjarju**

1. Ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju Kwadru²². Jista' jmur lil hinn mir-Regolament Finanzjarju Kwadru fejn il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI jirrikjedu dan u sakemm, qabel dan, ikun hemm konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni.
2. L-Impriża Konġunta għandu jkollha struttura ta' verifika interna tagħha stess.

Artikolu 9 **Il-Persunal**

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' Impjeg għandhom japplikaw għall-persunal inkarigat mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI u d-Direttur Eżekuttiv tagħha.
2. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha teżerċita l-poteri li ngħataw lill-awtorità li taħtar bir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunità Ewropea u lill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti mill-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
3. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni, skond l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-

²² ĠU L 357, 31.12.2002 p. 72; korriġendum fil-ĠU L 2, 7.12003, p. 39

Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunità Ewropea, il-Kondizzjonijiet ta' l-Imprigijiet ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 10
Il-Privileġġi u l-Immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għall-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-persunal tagħha.

Artikolu 11
Ir-Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha titmexxa mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali relevanti u bil-liġi applikabbli għall-ftehim jew il-kuntratt ikkonċernat.
2. Fil-każ ta' responsabbiltà li mhijiex ta' natura kuntrattwali, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara li ssir mill-persunal tagħha waqt li jkunu qed iwettqu dmirijiethom.
3. Kwalunkwe pagament mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI fir-rigward tar-responsabbiltà msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-ispejjeż u l-infiq imġarrab f'konnessjoni ma' dan għandu jitqies bħala nfiq ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u għandhom jiġu koperti bir-riżorsi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 12
Il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-liġi applikabbli

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha ġurisdizzjoni f'kwalunkwe tilwim bejn il-Membri li jikkonċerna t-tema ta' dan ir-regolament u l-Istatuti msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
2. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha ġurisdizzjoni biex tgħaddi għidizzju in-segwitu għal kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li jinsab fil-ftehim u fil-kuntratt konklużi mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-kompetenza biex teżerċita ġurisdizzjoni f'kawżi kontra l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, inklużi deċiżjonijiet tal-Bord tagħha, skond il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikoli 230 u 232 tat-Trattat.
4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-kompetenza biex teżerċita ġurisdizzjoni f'kawżi ta' kumpens għal ħsara kkawżata mill-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI waqt li jkunu qed iwettqu dmirijiethom.
5. Għal kwalunkwe kwistjoni mhux koperta b'dan ir-Regolament jew b'atti oħra tal-liġi Komunitarja, tapplika l-liġi ta' l-Istat fejn jinsab is-sede ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 13
Ir-rapport, l-evalwazzjoni u r-rilaxx

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress li jkun inkiseb mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
2. Sentejn wara t-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, iżda f'kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-2010, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni aħħarija għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
4. Ir-rilaxx ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, bi qbil mal-proċedura prevista fir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 14
Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Membri u l-miżuri kontra l-frodi

1. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Membri tagħha huma protetti b'mod adegwat billi twettaq jew tħalli li jsiru kontrolli interni u esterni xierqa.
2. F'każ ta' irregolaritajiet mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI jew il-persunal tagħha, il-Membri għandhom jirriżervaw id-dritt li jirkupraw kwalunkwe kontribut li jkun intefaq b'mod mhux xieraq jew inaqqsu jew jissospendu kwalunkwe kontribut sussegwenti għall-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
3. Għall-finjiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew atti illegali oħra għandu japplika r-Regolament 1073/1999.
4. Il-Kummissjoni u/jew il-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, jekk meħtieġ, iwettqu kontrolli fuq il-post fost ir-riċevituri ta' l-finanzjament ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-aġenti responsabbli biex jallokawh. Għal dak il-għan, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiżgura li l-ftehimiet u l-kuntratti jipprevedu d-dritt tal-Kummissjoni u/jew il-Qorti ta' l-Awdituri li jwettqu, f'isem l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, il-kontrolli xierqa u, fil-każ li jkun hemm irregolaritajiet, biex jimponu penali disważivi u proporzjonali.
5. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, ECSC, Euratom, għandu jgawdi l-istess poteri fir-rigward ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-persunal tagħha li għandu fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Kif tiġi stabbilita l-Impriża Konġunta hi għandha taċċedi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fir-rigward ta' investigazzjonijiet interni mill-

OLAF. L-Impriża Konġunta għandha tapprova din l-adeżjoni u tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita investigazzjonijiet interni mmexxija mill-OLAF.

Artikolu 15
Kunfidenzjalità

L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, li jekk tinkixef tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-Membri tagħha.

Artikolu 16
Proprjetà intellettuali

L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tadotta regoli dwar l-użu u t-tixrid tar-riżultati tar-riċerka li jiżguraw li, fejn ikun jixraq, il-proprjetà intellettuali ġġenerata fl-Attivitajiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament hija protetta, u li r-riżultati tar-riċerka jintużaw u jinxterrdu.

Artikolu 17
Azzjonijiet ta' tħejjija

Il-Membri Fundaturi għandhom ikunu responsabbli mill-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet kollha marbuta mat-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI sakemm ikunu twaqqfu l-entitajiet responsabbli għall-operazzjoni tagħha.

Artikolu 18
Appoġġ mill-Istat Ospitanti

Ftehim dwar is-sede għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandha tipprovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 19
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

L-ISTATUTI TA' L-IMPRIŻA KONĠUNTA TA' L-INIZJATTIVA TAL-MEDIĊINI INNOVATTIVI

Artikolu 1

L-isem, il-post, it-tul ta' żmien u l-personalità ġuridika

1. L-isem ta' l-Impriża Konġunta għandu jkun dan li ġej: "L-Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi", minn issa 'l quddiem msejħa l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
2. Hi għandha jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju.
3. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiġi stabbilita mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017.
4. Il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż permezz ta' emenda ta' dawn l-Istatuti fi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21, sakemm ikun sar progress għall-ksib ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u sakemm tkun żgurata s-sostenibilità finanzjarja.
5. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jkollha personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, għandha tgawdi l-aktar kapaċità legali estensiva, mogħtija lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet ta' dawk l-Istati. Tista', b'mod partikolari takkwista jew tiddisponi minn proprjeta' mobbli jew immobbli u tipparteċipa f'proċeduri legali.

Artikolu 2

Ġhanijiet u dmirijiet prinċipali

1. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet tar-riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni u t-Tema 'Saħħa' tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplementa is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet tar-riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, u, b'mod partikolari għal:
 - (a) appoġġ tar-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi', jiġifieri riċerka dwar l-għodod u l-metodoloġiji li jintużaw fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru permezz ta' strateġija kkoordinata sabiex jingħelbu l-ostakoli tar-riċerka identifikati fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga;
 - (b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riċerka kif stabbiliti bl-Aġenda tar-riċerka ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi", minn hawn il-quddiem msejħa "Attivitajiet ta' Riċerka", l-iktar billi jingħataw għotjiet b'segwitu għas-sejħiet kompetittivi għal proposti;
 - (c) sabiex tiġi kostitwita sħubija pubblika-privata bil-għan li żżid l-investimenti fis-settur bijofarmaċewtiku fl-Ewropa, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati

mas-Seba' Programm Kwadru billi jinġabru r-riżorsi u titrawwem l-kollaborazzjoni minn setturi pubbliċi u privati;

- (d) biex jiġu konklużi kuntratti ta' servizz u provvista meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- (e) biex tiġi żgurata l-effiċjenza u d-durabilità ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi".

2. Il-kompiti prinċipali ta' l-Impriża Konġunta għandhom ikunu dawn li ġej:

- (a) biex tiġi żgurata l-effiċjenza u d-durabilità ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi".
- (b) biex tmexxi l-implimentazzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 13 permezz ta' sejħiet għal proposti ta' proġetti miftuħa għal entitajiet ġuridiċi madwar id-dinja sakemm l-Attivitajiet ta' Riċerka tagħhom ikunu prospettivi u jitwettqu fi Stat Membru jew pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru sakem ma jkunx infiehem mod ieħor fuq bażi eċċezzjonali;
- (c) biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa għall-Aġenda tar-Riċerka ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi li jinqalgħu waqt l-implimentazzjoni tagħha;
- (d) biex twettaq mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur pubbliku u privat meħtieġa;
- (e) biex tiġi stabbilita u żviluppata kooperazzjoni fit-tul bejn il-Komunità, l-industrija u partijiet interessati oħra bħall-entitajiet regolatorji, l-organizzazzjonijiet ta' pazjenti, l-akkademiċi u ċ-ċentri kliniċi;
- (f) biex tiffaċilita il-koordinazzjoni ma' l-attivitajiet nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam;
- (g) biex tmexxi l-komunikazzjoni u t-tixrid ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI suġġetta għall-obbligi ta' kunfidenzjalità;
- (h) komunikazzjoni u l-interazzjoni ma' l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru permezz ta' grupp stabbilit speċifikament għal dan il-għan, minn hawn il-quddiem msejjaħ 'Il-Grupp ta' l-Istati Membri ta' l-IMI';
- (i) organizzazzjoni ta' laqgħa annwali, minn hawn il-quddiem imsejja l-Forum tal-Partijiet Interessati mal-gruppi ta' interess biex jiżguraw ftuħ u trasparenza ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI mal-partijiet interessati tagħha;
- (j) biex jiġu avżati l-entitajiet ġuridiċi li jkunu kkonkludew ftehim ta' l-għoti, minn hawn il-quddiem msejjaħ bħala l-Ftehim ta' l-Għoti, ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI ta' l-opportunitajiet ta' self mill-Bank Ewropew ta' Investiment, b'mod partikolari l-Faċilità għat-Tqassim tar-Riskju Finanzjarju mwaqqfa skond is-Seba' Programm Kwadru.

- (k) Biex tiġi ppubblikata informazzjoni fuq proġetti li jinkludu l-isem tal-parteċipanti, u l-ammont tal-kontribut finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Artikolu 3 ***Il-Membri***

1. Il-membri fundaturi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, minn hawn il-quddiem imsejħa l-"Membri Fundaturi", huma;
 - (a) il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni,
 - (b) il-"Federazzjoni Ewropea ta' l-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi" minn hawn 'l quddiem imsejħa "EFPIA", assoċjazzjoni li ma taħdimx għall-profitt irreġistrata taħt il-liġi Żvizzera (numru ta' reġistrazzjoni 4749) bl-uffiċju permanenti tagħha fi Brussell, il-Belġju. L-EFPIA topera bħala organizzazzjoni rappreżentattiva ta' l-Industrija Farmaċewtika fl-Ewropa.
2. Sakemm dawn jikkontribwixxu għall-finanzjament biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI kif prevista fl-Artikolu 2(1), dawn li ġejjin jistgħu japplikaw biex isiru Membri tagħha:
 - (a) L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru;
 - (b) kwalunkwe entità ġuridika li tagħti appoġġ dirett jew indirett lir-riċerka u l-iżvilupp fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru.
3. Il-Membri Fundaturi u l-membri ġodda kif imsejħa fil-paragrafi 1 u 2 huma minn hawn il-quddiem msejħa l-"Membri".
4. Kwalunkwe applikazzjoni għal sħubija ġdida għandha tiġi ndirizzata lill-Bord fi qbil ma' l-Artikolu 5.
5. Il-Membri kollha jistgħu jtemmu l-partenarjat tagħhom fl-Impriża Konġunta ta' l-IMI. It-terminazzjoni se ssir effettiva u rrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Membri l-oħra li warajhom il-Membri preċedenti għandu jiġi rrilaxxat mill-obbligi kollha għajr dawk approvati mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI qabel it-tmiem ta' l-partenarjat.

Artikolu 4 ***L-Entitajiet***

L-entitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikunu l-Bord, l-Uffiċċju Eżekuttiv u l-Kumitat Xjentifiku.

Artikolu 5 ***Il-Bord***

1. Il-kompiti prinċipali ta' l-Impriża Konġunta għandhom ikunu dawn li ġej:

- (a) kull wieħed mill-Membri Fundaturi għandu jkollu ħames voti fil-Bord;
- (b) id-dritt tal-vot ta' kwalunkwe Membru ġdid għandu jiġi ddeterminat fi proporzjon mal-kontribut tiegħu lejn il-kontributi totali għall-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- (c) il-vot ta' kull Membru għandu jkun indiviżibbli;
- (d) il-Bord għandu jagħmel deċiżjonijiet b'maġġoranza ta' tliet kwarti u għandu jirrikjedi vot pożittiv mill-Membri Fundaturi;
- (e) kull Membru ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jiġi rrappreżentat fil-Bord b'sa mhux iktar minn ħames rappreżentanti;
- (f) il-president tal-Bord għandu jkun rappreżentant tal-Membri Fundaturi, li jservu fuq bażi rotanti;
- (g) ir-rappreżentanti tal-Membri mhux se jkunu responsabbli personalment għal azzjonijiet meħuda fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti fil-Bord.

2. Ir-rwol u l-kompiti tal-Bord għandhom ikunu dawn li ġejjin;

- (a) il-Bord għandu jkun totalment responsabbli għall-operazzjonijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- (b) il-Bord għandu jħares l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- (c) il-Bord għandu b'mod partikolari:
 - jevalwa l-applikazzjoni(jiet) għal kull sħubija ġdida ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI. Kwalunkwe applikazzjoni ta' Stat Membru jew pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jew organizzazzjoni internazzjonali għandha tkun suġġetta għal approvazzjoni mill-Kunsill. Kull applikazzjoni oħra għandha tiġi deċiża mill-Bord;
 - jiddeċiedi fuq it-terminazzjoni tal-partenarjat l-Impriża Konġunta ta' l-IMI ta' kull Stat Membru li ma jissodisfax l-obbligi tiegħu minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jiżguraw konformità mal-liġi Komunitarja;
 - japprova l-proposta annwali tal-pjan ta' implimentazzjoni u l-istimi ta' spejjeż korrispondenti;
 - japprova l-proposta annwali tal-pjan, inkluż il-pjan ta' stabbiliment tal-persunal;
 - japprova r-rapport annwali ta' l-attività, inkluża l-ispiża korrispondenti;
 - japprova l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ,

- jikkoordina t-twaqqif ta' servizzi ta' verifika interna ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
- japprova kull bidla għall-Aġenda tar-Riċerka kif ġie rakkomandat mill-Kumitat Xjentifiku;
- Japprova l-linji ta' gwida dwar l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti ta' proġetti kif proposti mill-Uffiċċju Eżekuttiv;
- japprova l-lista tal-proposti ta' proġetti magħżula;
- jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, jipprovdi gwida u direzzjoni lid-Direttur Eżekuttiv, jissorvelja l-prestazzjoni tal-ħidma tad-Direttur Eżekuttiv u jekk meħtieġ, jissostitwixxi lid-Direttur Eżekuttiv;
- japprova l-istruttura organizzattiva ta' l-Uffiċċju Eżekuttiv ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv;
- japprova r-regolament finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI skond l-Artikolu 11,
- Japprova r-regoli u l-proċeduri interni ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI inkluża l-Politika ta' Proprjetà Intellettwali;
- japprova r-regolament tal-persunal ta' l-Impriża Konġunta skond l-Artikolu 14(3),
- jadotta l-proċeduri tal-Bord;
- jaqbel fuq l-emendi proposti ta' l-Impriża Konġunta skond l-Artikolu 21;
- jagħti kwalunkwe ħidma li mhijiex allokata speċifikament lil waħda mill-entitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

3. Il-Bord għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena. Għandhom isiru laqgħat straordinarji fuq rikjesta ta' wieħed mill-Membri jew tad-Direttur Ġenerali. Il-laqgħat għandhom normalment iseħħu fis-sede ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

- (a) Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, f'każijiet partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jipparteċipa fil-laqgħat.
- (b) Il-president tal-Kumitat Xjentifiku għandu jipparteċipa bi stedina tal-Bord, jekk l-aġenda tkun teħtieġ dan.
- (c) L-osservaturi u/jew esperti oħra jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord biex jattendu laqgħat skond l-eżiġenza ta' l-aġenda.

Artikolu 6
Uffiċċju Eżekuttiv

1. L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn Direttur Eżekuttiv u persunal ta' appoġġ.
2. Il-ħidmiet prinċipali ta' l-uffiċċju eżekuttiv għandhom ikunu dawn li ġej:
 - (a) L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
 - (b) L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-aspetti operattivi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
 - (c) L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
 - (d) L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jiġġestixxi sew il-fondi pubbliċi u privati;
 - (e) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu b'mod partikolari:
 - jirrakkomanda lill-Bord, arranġamenti u linji ta' gwida għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti ta' proġetti għall-approvazzjoni. Dawn il-linji ta' gwida għandhom jinkludu l-proċeduri, il-kompożizzjoni, u d-doveri tal-kumitati tar-reviżjoni minn esperti ugwali fil-qasam u r-regoli għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka;
 - jiġġestixxi t-tneċċija tas-sejthiet għal proposti tal-proġett, l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti tal-proġett, in-negozjar tal-proposti tal-proġetti li jkunu ntgħażlu, l-aġġornament tal-proposti tal-proġetti u l-amministrazzjoni ta' l-għotjiet, inkluż il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati;
 - imexxi t-twaqqif u t-tmexxija ta' sistema ta' kontabilità xierqa,
 - jipprovdi lill-Bord u l-Kumitat Xjentifiku bid-dokumentazzjoni rilevanti u l-appoġġ loġistiku;
 - iħejji l-proposta annwali tal-pjan ta' implimentazzjoni u l-istimi ta' spejjeż korrispondenti;
 - iħejji l-proposta annwali tal-baġit, inkluża l-organigramma tal-persunal;
 - japprova r-rapport annwali ta' l-attività, inkluża l-ispiża korrispondenti;
 - iħejji l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ,
 - iħejji kwalunkwe informazzjoni oħra rikjesta mill-Bord;
 - jiġġestixxi s-sejthiet għall-offerti għar-reqwiżiti tal-merkanzija/servizzi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI skond ir-regolament finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;

– iwettaq il-ħidmiet fdati jew delegati lill-Bord Amministrattiv.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bi qbil mad-deċiżjonijiet tal-Bord. F'dak il-kuntest, hu/hi għandu/ħa jinfurma/tinfurma regolarment lill-Bord u lill-Kumitat Xjentifiku kif ukoll iwieġbu għal kwalunkwe rikjesta ad hoc tagħhom għal informazzjoni.
4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bi qbil mad-deċiżjonijiet tal-Bord u jkun ukoll ir-rappreżentant legali tagħha; Hu/hi għandhom iwettqu l-ħidmiet tagħhom b'indipendenza, u għandhom jirrispondu lil Bord.
5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin. Wara evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur, il-Bord jista' jestendi ż-żmien ta' l-inkarigu għal darba għal mhux iktar minn erba' snin.
6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jidderieġi l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bi qbil mad-deċiżjonijiet tal-Bord; F'dak il-kuntest, hu/hi għandu/ħa jinfurma/tinfurma regolarment lill-Bord u lill-Kumitat Xjentifiku kif ukoll iwieġbu għal kwalunkwe rikjesta ad hoc tagħhom għal informazzjoni.
7. Id-Direttur Eżekuttiv għandu b' mod partikolari:
 - (a) iressaq lill-Bord il-proposta annwali tal-pjan ta' implimentazzjoni u l-istimi ta' l-ispejjeż korrispondenti;
 - (b) iressaq lill-Bord l-proposta annwali tal-baġit, inkluż il-pjan ta' l-organigramma tal-persunal;
 - (c) iressaq lill-Bord ir-rapport annwali ta' l-attività, inkluża n-nefqa korrispondenti;
 - (d) jippreżenta l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Bord;
 - (e) iressaq lill-Bord kull bidla għall-Aġenda tar-Riċerka kif ġie rakkomandat mill-Kumitat Xjentifiku;
 - (f) jissorvelja t-tmexxija tas-sejħiet għall-proposti tal-proġetti;
 - (g) iressaq/tressaq lil-Bord il-proposta tiegħu/tagħha dwar l-istruttura ta' l-Uffiċċju Eżekuttiv u jorganizza/torganizza, jidderieġi/tidderieġi u jissorvelja/tissorvelja l-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
 - (h) isejjaħ il-laqgħat tal-Bord;
 - (i) isejjaħ il-laqgħa annwali tal-Forum tal-Partijiet Interessati biex jiżgura ftuħ u trasparenza ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI mal-partijiet interessati tagħha;
 - (j) jattendi kif jixraq il-laqgħat tal-Bord, tal-Kumitat Xjentifiku u tal-Forum tal-Partijiet Interessati bħala osservatur;

- (k) jekk ikun jixraq iwaqqaf entitajiet/kumitati xjentifiċi ad/hoc/sussidjarji deċiżi mill-Bord u jiġbru l-parir xjentifiku ta' l-esperti;
- (l) jipprovdi lill-Bord bi kwalunkwe informazzjoni oħra rikjesta mill-Bord;
- (m) huwa/hija responsabli għall-evalwazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju;
- (n) jipproponi/tipproponi lill-Bord kwalunkwe assigurazzjoni li l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha mnejn teħtieġ sabiex tilħaq l-obbligi tagħha;
- (o) jieħu/tieħu r-responsabbiltà biex jikkonkludi/tikkonkludi l-Ftehimiet ta' l-Għotjiet għall-implimentazzjoni ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka, u jagħti servizz u jipprovdi kontratti meħtieġa għall-operat ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI kif imsemmija fl-Artikolu 18.

Artikolu 7 *Il-Kumitat Xjentifiku*

1. Il-Kumitat Xjentifiku huwa entità konsultattiva għall-Bord u għandu jikkonduċi l-attivitajiet tiegħu mill-qrib ma' u bl-appoġġ ta' l-Uffiċċju Eżekuttiv.
2. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun kompost minn mhux iktar minn 15-il membru.
3. Membri bħal dawn għandhom jirriflettu rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' esperti mill-kamp ta' l-akkademja, mill-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, mill-industrija u mill-entitajiet regolatorji. B'mod kollettiv, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi u l-għarfien espert xjentifiċi li jkopru l-proċess kollu ta' l-iżvilupp tad-drogi meħtieġ biex isiru rakkomandazzjonijiet strateġiċi bbażati fuq ix-xjenza dwar l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
4. Il-Bord għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess ta' għażla għall-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u jaħtar kandidati skond l-għażla mill-Grupp ta' l-Istati Membri ta' l-IMI.
5. Il-president għandu jiġi elett b'konsens tal-Kumitat Xjentifiku minn fost il-membri tiegħu.
6. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jkollu l-ħidmiet li ġejjin:
 - (a) konsulenza dwar ir-relevanza ta' l-Aġenda ta' Riċerka u r-rakkomandazzjoni dwar xi emenda li jista' jkun hemm;
 - (b) konsulenza dwar prijoritajiet xjentifiċi għall-proposta annwali tal-pjan ta' implimentazzjoni;
 - (c) jagħti l-parir tiegħu lill-Bord u l-Uffiċċju Eżekuttiv dwar is-suċċessi xjentifiċi deskritti fir-rapport ta' attività annwali;
 - (d) jagħti l-parir tiegħu dwar il-kompożizzjoni tal-kumitati ta' reviżjoni ta' l-esperti ugwali fil-qasam.

7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.
8. Il-Kumitat Xjentifiku jista', bi ftehim mal-President, jistieden persuni li mhumiex membri biex jipparteċipaw fil-laqgħat tiegħu u jesprimu l-pariri tagħhom.

Artikolu 8 **Sorsi ta' finanzjament**

1. Ir-riżorsi kollha ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-attivitajiet tagħha għandhom ikunu ddedikati għall-għanijiet previsti fl-Artikolu 2.
2. Ir-riżorsi li l-Impriża Konġunta ta' l-IMI daħħlet fil-baġit tagħha għandu jikkonsisti minn:
 - (a) Il-kontributi finanzjarji tal-Membri,
 - (b) kwalunkwe dħul iġġenerat mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI;
 - (c) il-kontributi, ir-riżorsi u d-dħul l-oħra kollha.

Xi interessi ġejjin mill-kontributi mħallsa mill-Membri tagħha se jitqiesu bħala dħul ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
3. Il-kontribut totali mill-Komunità għall-Impriża Konġunta ta' l-IMI li jkopri l-ispejjeż operattivi u l-Attivitajiet ta' Riċerka m'għandux jaqbeż il-biljun euro mis-Seba' Programm Kwadru.
4. L-ispejjeż operattivi mhux se jaqbżu l-4% tal-baġit totali għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. L-ispejjeż operattivi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikopruhom il-Membri tagħha u għandhom ikunu proporzjonati mal-kontribut totali għall-Attivitajiet ta' Riċerka.
 - (a) Il-Membri Fundaturi għandhom jikkontribwixxu f'partijiet ugwali;
 - (b) Kull Membru ieħor għandu jikkontribwixxi fi proporzjon mal-kontribut totali tiegħu għall-Attivitajiet ta' Riċerka.
5. L-Attivitajiet ta' Riċerka għandhom jiġu ffinanzjati b'mod konġunt mill-Membri tagħha permezz ta'
 - (a) kontributi volontarji minn kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-EFPIA, b'riżorsi (bħal persunal, tagħmir, oġġetti konsumabbli, eċċ) li għallinqas ikunu ugwali għall-kontribut finanzjarju tal-Komunità Ewropea;
 - (b) kontribut finanzjarju li jkun ugwali għal dak tal-Komunità ġej mis-Seba' Programm Kwadru li ddaħħal fil-baġit ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
 - (c) kontributi minn Membri msemija fl-Art 3(2).

6. Kontributi in natura għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u l-utilità tagħhom biex iwettqu l-ħidmiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, u għall-aċċettazzjoni mill-Bord.
7. Ir-riċerka tal-kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka, li humamembri sħaħ ta' l-attivitajiet ta' l-EFPIA m'għandhiex tkun eliġibbli biex tirċievi xi appoġġ finanzjarju mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.
8. Jekk Membru ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, jew kwalunkwe kumpanija farmaċewtika ibbażati fuq ir-riċerka parteċipanti li tkun membru sħiħ ta' l-EFPIA, jonqsu milli jirrispettaw l-impenji tagħhom fir-rigward tal-kontributi miftehma, id-Direttur Eżekuttiv għandu jsejjaħ laqgħa tal-Bord biex jiddeċiedi:
 - (a) fil-każ li Membru jonqos mill-obbligi tiegħu, jekk għandhiex tintemm il-partenarjat tiegħu, jew jekk għandhomx jittieħdu xi miżuri oħra sakemm ikun issodisfa l-obbligi tiegħu; jew
 - (b) fil-każ ta' kumpanija farmaċewtika bbażata fuq ir-riċerka parteċipanti membru sħiħ ta' l-EFPIA tkun qed tonqos, liema miżuri xierqa għandhom jittieħdu.
9. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tippossjedi l-assi kollha ġġenerati minnha jew ttrasferiti lilha sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 2.

Artikolu 9 ***Obbligi finanzjarji***

1. L-obbligi finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI m'għandhomx jaqbu l-ammont ta' kapital għad-dispożizzjoni tiegħu.
2. Minbarra fil-każ ta' stralċ ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, suġġetta għall-Artikolu 19, id-dħul żejjed fuq l-ispejjeż ma' għandux jagħti lok għal pagamenti lill-Membri ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

